REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/2584

tat-8 ta' Novembru 2022

dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet ta' sajd skont il-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius ([1]) (il-"Ftehim") ġie konkluż bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE ([2]) u daħal fis-seħħ fit-28 ta' Jannar 2014.

(2) L-ewwel protokoll ([3]) tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' tliet snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-protokoll skada fis-27 ta' Jannar 2017.

(3) It-tieni protokoll ([4]) tal-Ftehim stabbilixxa, għal perjodu ta' erba' snin, l-opportunitajiet tas-sajd mogħtija lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Mauritius u l-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija mill-Unjoni. Il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dak il-protokoll skada fis-7 ta' Diċembru 2021.

(4) Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni u l-Mauritius ([5]) estenda l-applikazzjoni tat-tieni protokoll tal-Ftehim sal-4 ta' Ottubru 2022.

(5) Fit-28 ta' Settembru 2021, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' Mauritius għall-konklużjoni ta' protokoll ġdid li jimplimenta l-Ftehim.

(6) B'riżultat ta' dawk in-negozjati, fis-7 ta' Mejju 2022 ġie inizjalat protokoll ġdid għal perjodu ta' erba' snin (il-"Protokoll").

(7) Fit-8 ta' Novembru 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/2585 ([6]) rigward l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll, dment li tiġi konkluża f'data iktar tard.

(8) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokati fost l-Istati Membri għall-perjodu kollu tal-applikazzjoni tiegħu.

(9) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi implimentat malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Mauritius u l-ħtieġa li jitnaqqas il-perjodu ta' żmien relatat mal-interruzzjoni ta' dawn l-attivitajiet.

([1]) ĠU L 79, 18.3.2014, p. 3.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/146/UE tat-28 ta' Jannar 2014 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 2).

([3]) Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 79, 18.3.2014, p. 9).

([4]) Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 279, 28.10.2017, p. 3).

([5]) Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (ĠU L 115, 13.4.2022, p. 45).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2585 tat-8 ta' Novembru 2022 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius (2022-2026) (ara paġna 4 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(10) Il-Protokoll ser japplika fuq bażi proviżorja mid-data tal-iffirmar tiegħu sabiex jippermetti l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti skont il-Protokoll li jimplimenta l-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u l-Mauritius (2022-2026) għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri kif ġej:

(1) 40 bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża:

— Spanja: 22 bastiment

— Franza: 16-il bastiment

— L-Italja: 2 bastimenti;

(2) 45 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ:

— Spanja: 12-il bastiment

— Franza: 29 bastiment

— Il-Portugall: 4 bastimenti.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-8 ta' Novembru 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. STANJURA